DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Mejju 2010

li temenda d-Deċiżjoni 2006/968/KE li timplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 fir-rigward ta' linji gwida u proċeduri għall-identifikazzjoni elettronika tal-annimali ovini u kaprini

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 3009)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/280/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttivi 91/102/KEE u 64/432/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 21/2004 jipprevedi li kull Stat Membru għandu jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini skont dan ir-Regolament. Skont ir-Regolament (KE) Nru 21/2004 l-annimali ovini u kaprini huma indentifikati mill-ewwel u t-tieni mezz ta' identifikazzjoni. Wieħed minn dawk il-mezzi ta' identifikazzjoni għandu jkun identifikatur elettroniku u l-ieħor identifikatur viżibbli.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/968/KE [2] tfassal linji ta' gwida u proċeduri għall-approvazzjoni ta' identifikaturi u ta' qarrejja għall-identifikazzjoni elettronika tal-annimali ovini u kaprini skont ir-Regolament (KE) Nru 21/2004. Id-Deċiżjoni tistipula r-rekwiżiti minimi dwar ċerti testijiet ta' konformità u ta' prestazzjoni għall-approvazzjoni ta' dak it-tagħmir sabiex ikun żgurat li l-identifikaturi elettroniċi jistgħu jinqraw madwar l-Unjoni u jissodisfaw id-distanzi minimi ta' qari kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 21/2004.

(3) Il-proċeduri tat-test ġew stipulati skont il-metodi speċifikati fil-Ftehim Internazzjonali dwar il-Prattiki ta' Reġistrazzjoni tal-Kumitat Internazzjonali dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Annimali (il-Linji Gwida ta' Reġistrazzjoni tal-ICAR). Il-Linji Gwida ta' Reġistrazzjoni tal-ICAR ġew żviluppati iktar u issa ġew sostitwiti mill-istandards ISO 24631-1, 24631-2, 24631-3 u 24631-4. Minħabba t-trasparenza, għandha ssir referenza diretta għall-punti rilevanti fl-istandards tal-ISO.

(4) Matul ħajjithom, l-annimali jistgħu jiġu ttrasportati u b'hekk jistgħu jinżammu f'irziezet differenti. Jista' jkun meħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji minimi ta' prestazzjoni għall-identifikaturi elettroniċi, sabiex ikun żgurat li dan l-apparat jista' jinqara skont il-kundizzjonijiet differenti fl-Unjoni kollha.

(5) Sabiex jitnaqqas il-piż potenzjali amministrattiv, ir-rekwiżiti għall-proċedura ta' approvazzjoni għal qarrejja għandhom jiġu kkjarifikati. B'kuntrast mal-identifikaturi, ir-rekwiżiti li ma jorbtux għall-qarrejja għandhom jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jkollhom il-possibilità li jistabbilixxu kriterji addizzjonali sabiex jiżguraw it-tħaddim tal-identifikazzjoni elettronika skont il-kundizzjonijiet speċifiċi ġeografiċi, klimatiċi u tal-ġestjoni tagħhom, jekk meħtieġ.

(6) L-esperjenza prattika fl-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 21/2004 wriet li huma meħtieġa biss għadd żgħir ta' laboratorji sabiex jitwettqu t-testijiet kollha previsti minn dak ir-Regolament. Għalhekk mhijiex meħtieġa proċedura speċifika għan-nominar ta' laboratorji nazzjonali għall-ittestjar fl-Istati Membri kollha. Huwa suffiċjenti li t-testijiet jitwettqu f'laboratorji akkreditati għal dawk it-testijiet skont l-istandard EN ISO/IEC 17025.

(7) Id-Deċiżjoni 2006/968/KE għandha għaldaqstant tiġi emendata skont dan.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

[1] ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8.
[2] ĠU L 401, 30.12.2006, p. 41.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2006/968/KE huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2010.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, it-12 ta' Mejju 2010.

Għall-Kummissjoni
John DALLI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Anness huwa emendat kif ġej:

(1) fil-Kapitolu I, jitħassru l-punti (f) u (g);

(2) Il-Kapitolu II huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti 1 u 2 jinbidlu b'dan li ġej:

"1. L-awtorità kompetenti għandha tapprova biss l-użu ta' identifikaturi li ġew ittesjati b'riżultati favorevoli fuq:

(a) il-konformità tagħhom mal-istandards ISO 11784 u 11785, skont il-proċeduri tat-test speċifikati fil-punt 7 tal-istandard ISO 24631-1; kif ukoll

(b) il-ksib ta' prestazzjoni minima dwar id-distanza tal-qari kif stipulat fil-punt 2, skont il-proċeduri speċifikati fil-punt 7 tal-istandard ISO 24631-3.

2. Sabiex jinkisbu distanzi ta' qari kif stabbilit fil-punt (c) tat-Taqsima A.6 tal-Anness mar-Regolament (KE) Nru 21/2004, it-transponder għandu jissodisfa l-parametri li ġejjin:

(a) transponders li japplikaw it-teknoloġija HDX għandu jkollhom saħħa minima taż-żona manjetika ta' attivazzjoni inqas jew ekwivalenti għal 1.2 A/m, kif imkejla skont l-istandard ISO 24631-3, parti 7.6.5 'Minimal activating magnetic field strength in HDX mode' u għandhom jiżviluppaw amplitudni ta' modulazzjoni ekwivalenti għal 10 mV kif imkejla skont l-istandard ISO 24631-3, parti 7.6.7 'Modulation amplitude in HDX mode' b'saħħa ta' żona manjetika inqas minn jew ekwivalenti għal 1,2 A/m;

(b) transponders li japplikaw it-teknoloġija FDX għandu jkollhom saħħa minima taż-żona manjetika ta' attivazzjoni inqas jew ekwivalenti għal 1.2 A/m, kif imkejla skont l-istandard ISO 24631-3, parti 7.6.4 'Minimal activating magnetic field strength in FDX mode' u għandhom jiżviluppaw amplitudni ta' modulazzjoni ekwivalenti għal 10 mV kif imkejla skont l-istandard ISO 24631-3, parti 7.6.6 'Modulation amplitude in FDX mode' b'saħħa ta' żona manjetika inqas minn jew ekwivalenti għal 1,2 A/m."

(b) il-punt 6 li ġej għandu jiżdied:

"6. Approvazzjonijiet mogħtija mill-awtorità kompetenti sat-30 ta' Ġunju 2010 għall-identifikaturi li huma ttestjati bil-metodi għall-approvazzjoni tal-identifikaturi applikabbli sa dik id-data għandhom ikomplu jkunu validi."

(3) Il-Kapitoli III u IV qegħdin jinbidlu b'dan li ġej:

"KAPITOLU III

Mezzi tal-qari

Jekk meħtieġ biex jiżguraw il-qari korrett tal-identifikaturi skont il-kundizzjonijiet speċifiċi ġeografiċi, klimatiċi u/jew tal-ġestjoni tagħhom jistgħu jimponu kriterji speċifiċi ta' prestazzjoni fuq il-qarrejja li jintużaw f'razzett speċifiku jew f'tip ta' razzett speċifiku. Il-kundizzjonijiet ta' ġestjoni li jiġġustifikaw kriterji speċifiċi ta' prestazzjoni bħal dawn x'aktarx li jissuktaw f'irziezet li jitrattaw għadd kbir ta' annimali mmarkati b'identifikaturi li japplikaw it-teknoloġija HDX u FDX-B u/jew irziezet fejn is-sinkronizzazzjoni tal-qarrejja hija meħtieġa skont il-punt 7.7.3 tal-istandard ISO 24631-2.

KAPITOLU IV

Laboratorji u proċedura għall-ittestjar

It-testijiet speċifikati fil-punti 1-4 tal-Kapitolu II għandhom jitwettqu fil-laboratorji għall-ittestjar li joperaw u huma evalwati u kkreditati għal dawk it-testijiet skont l-istandard EN ISO/IEC 17025 dwar 'General requirements for the competence of testing and calibration laboratories'. Il-manifatturi għall-identifikaturi li japplikaw għat-testijiet jistgħu jagħżlu b'mod liberu fost il-laboratorji għall-ittestjar."